**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 4 TA' DICEMBRU, 2001**

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 662/01 AE**

**P. Cutajar & Co. Limited**

**vs**

**Sonny Monte**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,120.40) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Il-konvenut ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit. B'danakollu, **"in-nuqqas li tigi pprezentata risposta mill-**

**konvenut fi zmien stipulat bl-ebda mod ma timporta l-kontumacja tieghu.** Il-kontumacja tal- konvenut hi stabbilita bl-Att Numru V tal-1995 u senjatament bl-artikolu 13 u mhux konsentit li tali kontumacja li hi strettament marbuta man-nuqqas tal-konvenut (jew ukoll tal-attur) li jidher f'zewg seduti li fihom ikun ser isir is-smigh tal-kawza, ma tistax tigi b'xi mod estiza biex tkopri cirkostanzi ohra. Lanqas permezz ta' regolamenti maghmula in forza tal-istess Att mit-Tribunal. Regolament li ghandhom jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri imma ma jistghux jimponu jew iwasslu ghal sanzjonijiet li l-ligi ma tikkontemplax" (**Dr. L. Depasquale vs F. Cachia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1996).

Mill-provi li nstemghu quddiem it-Tribunal irrizulta li l-konvenut kien jiggestixxi l-Castro's Club Latino, Marsaxlokk. F'dan in-negozju huwa kien shab ma' certu Michael Bonnici u John Dalli. Irrizulta wkoll li dan il-*partnership* qatt ma gie registrat mar-Registratur tal-Kumpanniji.

Il-konvenut deher fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2001 u ddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghadu dovut. Pero' ddikjara li qieghed jippretendi hlas minghand is-socjeta attrici fl-ammont ta' erbgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm446) spejjez ta' *advertising* li skond ftehim kellha taghmel tajjeb ghalih is-socjeta attrici. Fil-fatt fl-ewwel seduta l-

konvenut kien wera wkoll poster b'reklam tal-Martini fuqu (prodott li mill-*invoices* jirrizulta li l-konvenut kien jixtri minghand is-socjeta attrici).

Minn xhieda moghtija minn Etienne Mallia, li ghamel zmien impjegat mas-socjeta attrici bhala *marketing manager*, irrizulta li kien sar il-ftehim allegat mill-konvenut. Fil-fatt huwa ddikjara li *"ahna bhala kumpannija konna disposti illi nirreklamaw fuq l-advertising material tieghu; kif ukoll meta jkollna xi promotional events fuq il-post in kwistjoni sabiex il-goodwill tal-post ngholluh 'il fuq.* ***L-advertising kellu jithallas mis-socjeta attrici****"* (seduta tat-30 ta' Ottubru 2001). Kompla jiddikjara li: ***"Dan il-hlas kellu jsir jew permezz ta' cash. Jekk pero' in-negozjant kellu – f'dan il-kaz il-konvenut – kellu jaghti xi flejjes lis-socjeta attrici ghall-merkanzija li jkun xtara, dan l-ammont kellu jonqos mill-kont".*** Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li dan il-ftehim kien sar ma' klijenti ohra da parti tas-socjeta attrici. Xhieda li fil-fehma tat-Tribunal tikkontradici l-verzjoni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta attrici.

Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2001, il-konvenut ipprezenta *invoice* mahrug minn EZ Creations bid-data tal-4 ta' Gunju 2000 li jirreferi ghal Castro's Club Latino (**Dok. SM2**). Dan l-invoice huwa ghall-valur ta' erbgha mija u sitta u erbghin lira

Maltija (Lm446). Il-konvenut iddikjara li *"**sal-gurnata tal-lum dan l-invoice ghadu pendenti peress li l-hlas kellu jsir mis-socjeta attrici**"*. Da parti tieghu x-xhud Etienne Mallia ddikjara li l-pagament kellu jigi awtorizzat minnu u li *"jiena qatt ma hallast lill-konvenut jew naqqast l-ammont pretiz minnu mill-invoices tal-kumpannija peress li **qatt ma nghatajt prova illi dawk l-ispejjez tal-advertising saru**"*. Ix-xhud kompla biex ighid li huwa kien jaf ***"illi l-promotions fuq il-flyers u l-materjal l-iehor kienu saru u jiena nghid illi l-hlas kellu jsir lill-konvenut"***.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001 xehed il-propjetarju u r-rapprezentant tad-ditta EZ Creations. Ix-xhud ikkonferma:

(i) Li kien ghamel xoghol ta' disinn u *printing* ta' *flyers* u posters fuq inkarigu tal-konvenut. Ipprezenta wkoll *sample* tax-xoghol li ghamel (Dok. EZ1). Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-relazzjoni tieghu kienet biss mal-konvenut;

(ii) L-invoice a fol. 33 tal-process;

(iii) Li sal-lum is-somma ta' erbgha mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm446) kienet ghadha kollha dovuta;

(iv) Li kien ha proceduri gudizzjarji kontra l-konvenut ghall-hlas ta' din is-somma u sahansitra kien hemm sentenza tal-Qorti f'dan is-sens;

(v) Li l-konvenut kien qieghed jippretendi li ma jhallasx il-kont li ghandu ma' EZ Creations ghaliex kellu jircievi l-hlas minghand is-socjeta attrici.

Ghalkemm il-kompensazzjoni ma gietx formalment dedotta permezz ta' risposta, huwa ovvju li l-konvenut qieghed jibbaza ruhu fuq id-difiza tal-kompensazzjoni. L-istitut guridiku tat-tpacija huwa regolat bl-artikoli 1196 sa 1204. Huwa risaput li t-tpacija *"ssir ipso jure, u, anki minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha **ipso jure** ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra"* (**Paul Abela nomine vs Paul Laferla nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953 – Vol. XXXVII.490). Fil-kawza fl-ismijiet l-avukat **Dr. Jose' Herrera nomine vs Victor Tabone nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru 1995 inghad dwar kreditu li kien kontestat u li kien hemm provi konfliggenti dwaru li: *"la hu cert u likwidu u lanqas determinat bhala dovut. Ma tistax allura f'din il-kawza ssir kompensazzjoni per via di eccezione. Seta' kien possibbli dan li kieku l-Qorti kellha quddiemha l-kontro-talba. Dan ukoll ghaliex il-pretensjoni tal-konvenut appellat mhix wahda ta' facli determinazzjoni u tinvolvi ezami ta' l-akkordju ta' likwidazzjoni milhuq bejn iz-zewg socjetajiet".* B'danakollu huwa maghruf ukoll li *"biex ikun*

*hemm lok għall-kompensazzjoni giudizzjali ma hemmx bżonn illi l-kreditu jkun likwidu, u illi l-kazi l-aktar frekwenti huma dawk fejn jigi oppost kreditu illikwidu;* ***imma meta l-kreditu dedott in kompensazzjoni ma jkunx ta' soluzzjoni facli u pronta, il-Qorti ma ghandhiex taghti widen lill-eccezzjoni tal-kompensazzjoni*** *"* (**Giuseppe Mifsud vs Carmelo Aquilina** – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Novembru 1934 – Vol. XXIX.iii.33) [ara wkoll sentenza riportata fil-Volum XVIII.i.79).

It-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi rrizulta li r-reklamar sar min-naha tal-konvenut u ghalhekk is-socjeta attrici hija marbuta li taghmel tajjeb ghall-ispejjez skond l-obbligazzjoni li assumiet. Mid-dokument EZ1 jirrizulta wkoll li l-flyers u l-poster (Dok. EZ1) ghandhom *imprinted* fuqhom reklam ta' prodotti tas-socjeta attrici (Dewar's u Martini). Fir-rigward tal-*membership card* [fl-ammont ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15)] (Dok. EZ1) ma jirrizultax li hemm reklam ta' prodotti tas-socjeta attrici. Ghar-rigward tal-hamest elef biljett (valur ta' disgha u erbghin lira Maltija [Lm49]) lanqas ma saret prova li l-biljetti kellhom fuqhom reklam ta' prodotti tas-socjeta attrici.

It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li fil-kaz odjern hemm lok li ssehh il-kompensazzjoni gudizzjali peress li l-kwistjoni hija

min-natura taghha stess ta' soluzzjoni facli u pronta. Ghalkemm is-socjeta attrici kkontestat l-ezistenza ta' dan id-dejn, il-provi juru mod iehor u t-Tribunal ghandu fil-fehma tieghu provi bizzejjed biex jilqa' l-pretenzjonijiet tal-konvenut. Irid jinghad ukoll li ma tressqet ebda prova li Etienne Mallia ma kellux l-awtorizazzjoni tal-principal tieghu sabiex jidhol fi ftehim mal-konvenut.

Mid-dokument li hemm a fol. 11 tal-process jirrizulta li l-konvenut kien iffirma ftehim mas-socjeta attrici sabiex jibda jixtri l-merkanzija u jinghata sittin gurnata credit. Jidher li l-konvenut iffirma f'ismu u mhux ukoll ghan-nom tas-shab l-ohra fin-negozju. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed: ***"Il-procedura taghna hi li meta nkunu ser nibdew nipprovdu klijent b'merkanzija nitolbuh sabiex jipprezenta dokument bhal dak li ghadni kemm ipprezentajt biex jidhol responsabbli ghall-merkanzija u ghall-pagamenti"*** (seduta tas-16 ta' Ottubru 2001). Lanqas ma rrizulta mill-provi li huwa kien indika lis-socjeta attrici li kien shab fin-negozju ma' ohrajn. Dan iwassal lit-Tribunal biex jiddikjara li fil-konfront tas-socjeta attrici l-legittimu kontradittur huwa l-konvenut, salv u mpregudikat id-drittijiet tieghu fil-konfront ta' terzi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sebgha

mija u tmienja u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm738.40) wara li tnaqqsu l-ispejjez tar-reklamar (eskluzi l-ispejjez tal-biljetti u *membership card*), liema ammont ghandu jonqos mill-ewwel invoice. L-imghax ghandu jiddekorri b'sehh minn sittin gurnata wara d-data ta' kull invoice (ara f'dan ir-rigward fol. 18 tal-process).

Il-konvenut ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghall-zewg terzi mill-ispejjez ta' dawn il-proceduri (inkluzi id-drittijiet legali).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**